**FIL-PRIM AWLA QORTI ĊIVILI**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Kostituzzjonali Nru. ______/2026**

**Partit Nazzjonalista debitament rappreżentant min Charles Bonello qua Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista**

vs

1. **Awtorità tax-Xandir;**
2. **Public Broadcasting Services Limited (C 13140);**

**RIKORS TAL-PARTIT NAZZJONALISTA debitament rappreżentanta min Charles Bonello (K.I 284771M) qua Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista**

Jesponi bir-rispett;

**1.** Illi r-rikorrent, hawn esponenti, Partit Nazzjonalista, huwa partit politiku regolat skont il-liġijiet ta' Malta, u rappreżentat fil-Parlament ta' Malta permezz ta' deputati eletti f'ismu skont il-Kostituzzjoni ta' Malta, u llum jikkostitwixxi l-Oppożizzjoni Parlamentari.

**2.** Illi l-partiti politiċi għandhom sehem ewlieni f'soċjetà demokratika sabiex, flimkien ma' istituzzjonijiet oħra, inkluż partiti mhux eletti fil-Parlament, għaqdiet mhux governattivi, korpi kostitwiti oħra, u rappreżentanti tal-minoranzi, jaħdmu għall-ħolqien tal-ġid komuni.

**3.** Illi filwaqt li l-partit fil-Gvern, permezz tal-Eżekuttiv, għandu obbligu li jwassal, bl-aħjar mod, u b'kull mezz possibbli, informazzjoni ġusta u bilanċjata dwar it-tmexxija tal-pajjiż, kif ukoll l-iżvilupp soċjo-ekonomiku u kulturali, il-partit fl-Oppożizzjoni qua l-esponenti Partit Nazzjonalista, għandu d-dmir li jwassal, bl-istess mod u bl-istess kejl, il-ħarsien u l-ġudizzju tiegħu fuq it-tmexxija tal-Gvern, u tal-aġenziji u kumpanniji mmexxija minnu, kif ukoll imexxi 'l quddiem, b'kull mezz possibbli, politika alternattiva għal dak li jkun fuq l-aġenda tal-Gvern.

**4.** Illi dan id-dritt li jitwassal il-messaġġ għandu jkun bilanċjat, kemm għall-partit fil-Gvern kif ukoll għall-partit fl-Oppożizzjoni, u dan sabiex il-poplu jkun jista' jifforma opinjoni pubblika, matura u oġġettiva, bla xkiel u bla manipulazzjoni tal-informazzjoni fuq il-mezzi tax-xandir.

**5.** Illi d-dritt taċ-ċittadin li jingħata informazzjoni imparzjali u bilanċjata fuq il-mezzi tax-xandir dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali, jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti, huwa protett bil-Kostituzzjoni ta' Malta bit-twaqqif tal-Awtorità tax-Xandir, hawn

intimata, taħt l-Artikolu 118 tal-istess Kostituzzjoni, bl-Att dwar ix-Xandir (Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll b'konvenzjonijiet u trattati internazzjonali, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

**6.** Illi l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

> *"(1) Tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti."*

**7.** Illi żewġ obbligi distinti joħorġu minn din id-dispożizzjoni: l-ewwel, iż-żamma ta' imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew ta' policy pubblika korrenti; u t-tieni, it-tqassim xieraq tal-faċilitajiet u tal-ħin ta' xandir bejn persuni ta' partiti politiċi differenti. Dawn huma obbligi kumulattivi u mhux alternattivi, u l-osservanza ta' wieħed ma tissodisfax l-ieħor.

**8.** Illi l-Artikolu 118(8) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li fl-eżerċizzju tal-kariga tagħha skont l-Artikolu 119(1), l-Awtorità dwar ix-Xandir ma għandhiex tkun suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra. Din id-dispożizzjoni tikkonferma li r-responsabbiltà għaż-żamma tal-imparzjalità fix-xandir hija tal-Awtorità intimata u ta' ħadd iktar.

**9.** Illi skont l-Artikolu 10 tal-Kap. 350, l-Awtorità tax-Xandir għandha s-setgħa toħroġ liċenzji ta' xandir televiżiv u radjofoniku, ħlief għal dawk l-istazzjonijiet li jkunu proprietà jew kontrollati minn kumpannija tal-Gvern, liema liċenzja, f'dak il-każ, tinħareġ mill-Ministru responsabbli għax-Xandir skont l-Artikolu 10(4D).

**10.** Illi l-Artikolu 10(4Ċ) tal-Kap. 350 jipprovdi espressament li:

> *"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan l-Att u kull liġi sussidjarja magħmula taħtu għandhom jibqgħu japplikaw għal dak id-detentur ta' dik il-liċenza." (Emfażi tar-rikorrent)*

**11.** Illi għaldaqstant, u kif diġà ġie deċiż minn din il-Qorti, l-obbligi tal-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni japplikaw bis-sħiħ għall-intimata Public Broadcasting Services Limited minkejja li din ma hijiex imsemmija fil-Kostituzzjoni.

**12.** Illi l-Artikolu 13(2) tal-Kap. 350 jimponi, fost oħrajn, li: l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta; jingħata ħin biżżejjed lill-aħbarijiet u avvenimenti kurrenti u li l-aħbarijiet kollha fil-programmi jiġu preżentati bl-imparzjalità dovuta; u tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti.

**13.** Illi l-Artikolu 15 tal-Kap. 350 jagħti lill-Awtorità s-setgħa li timponi penali u li tordna li parti mid-deċiżjoni tagħha tinqara fil-bulettin tal-aħbarijiet, filwaqt li l-Artikolu 21A tal-istess Att u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.06 jistabbilixxu l-proċedura għall-investigazzjoni u d-determinazzjoni tal-ilmenti.

**14.** Illi l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14, Ħtiġijiet dwar Standards u Prattika li japplikaw għal Bulettini tal-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti, tagħmel mill-Awtorità tax-Xandir l-għassies legali tal-imparzjalità u r-reqqa fl-aħbarijiet u fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti, u tesiġi li x-xandar jibqa' jżomm imparzjalità sħiħa fejn jidħlu ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien.

**15.** Illi l-paragrafu 4.3 tal-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja jesiġi li x-xandar jassigura li l-punti di vista prinċipali jiġu riflessi f'bulettin wieħed tal-aħbarijiet meta l-kwistjoni involuta tkun waħda ta' kontroversja kurrenti u attiva. Dan huwa obbligu li jaqa' fuq kull bulettin individwali, u mhux obbligu li jista' jitqies sodisfatt biss fuq medda twila ta' żmien.

**16.** Illi l-paragrafu 4.4 tal-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja jipprovdi li ma jkunx permissibbli għax-xandar li jsostni li bulettini fuq stazzjonijiet oħra ser jassiguraw li jinstemgħu l-veduti opposti, u li bulettin tal-aħbarijiet għandu jevita li jidher qisu notice board u, iktar importanti, qisu parti mill-makkinarju ta' propaganda ta' xi organizzazzjoni.

**17.** Illi s-Sezzjoni 19.1 tal-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja tesiġi li dawk magħrufa mill-pubbliku prinċipalment bħala preżentaturi jew reporters ta' programmi ta' aħbarijiet jew ta' ġrajjiet kurrenti fuq ix-xandir pubbliku għandhom jidhru li huma imparzjali, u li dawn m'għandhomx, kemm waqt li jkunu *on air* kif ukoll meta ma jkunux *on air,* jigiefri ma jkunux qed jippreżentaw il-programmi tagħhom, inkluż fil-kitba, fid-diskorsi u fl-intervisti jistqarru kif jivvutaw jew jesprimu appoġġ lil xi partit politiku, jesprimu veduti favur jew kontra xi politika li tkun materja ta' dibattitu politiku kurrenti, jissostnu xi pożizzjoni partikolari fuq kwistjoni ta' kontroversja jew dibattitu pubbliku kurrenti, jew iħeġġu bidla f'xi policy pubblika ta' profil għoli.

**18.** Illi, is-Sezzjoni 17.1 tal-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja tipprovdi li r-regoli mniżżla fis-Sezzjonijiet 18 sa 19 ma humiex enforzabbli mill-Awtorità tax-Xandir, iżda jistgħu jiġu applikati mix-xandar tas-servizz pubbliku, ergo l-intimat Public Broadcasting Services.

**19.** Illi, fil-fehma umli tal-esponenti l-Kostituzzjoni, il-Kap. 350 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14 huma maħsuba biex jaqdu, flimkien, sistema waħda ta' garanzija. Meta l-element ta' infurzar jitneħħa minn parti ċentrali ta' dik is-sistema, is-sistema kollha ma tibqax kapaċi twettaq l-iskop kostituzzjonali tagħha.

**L-EWWEL PARTI TAL-ILMENT: L-IŻBILANĊ SISTEMATIKU FIL-BULETTINI TAL-AĦBARIJIET**

**20.** Illi l-intimata Public Broadcasting Services Limited hija kumpannija tal-Gvern, taħt il-kontroll assolut tal-Gvern, u għandha liċenzja tax-xandir mogħtija mill-Ministru responsabbli għax-Xandir sabiex toffri servizz pubbliku tax-xandir. L-istazzjon tagħha TVM għandu l-ikbar udjenza fil-pajjiż, liema udjenza tilaħħaq il-massimu tagħha fil-ħin tal-aħbarijiet.

**21.** Illi fit-18 ta' Lulju 2022 l-esponenti ressaq ilment quddiem l-Awtorità intimata dwar il-bulettin tal-aħbarijiet tal-14 ta' Lulju 2022. It-tieni parti ta' dak l-ilment kienet tittratta l-iżbilanċ fis-sound on tape, SOT, bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni.

**22.** Illi fid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Awwissu 2022, hawn annessa ma dan ir-rikors odjern, l-Awtorità intimata, wara li rat l-istatistika esebita quddiemha mill-istess intimata PBS,

ikkonkludiet li riżulta żbilanċ qawwi u nett bejn is-sound on tape, SOT, meħuda mill-kelliema tal-Gvern u dawk tal-Oppożizzjoni, u dderieġiet lill-istazzjon sabiex jaċċerta li jkun hemm rappreżentanza xierqa fin-numru ta' intervisti li jixxandru matul il-bulettini tal-aħbarijiet bejn il-kelliema tal-Gvern u dawk tal-Oppożizzjoni.

**23.** Illi għaldaqstant, sa mix-xahar ta' Awwissu 2022, l-Awtorità intimata kienet formalment għarfet l-eżistenza tal-iżbilanċ, ikklassifikatu bħala "qawwi u nett", u ħarġet direttiva fil-konfront tal-intimata PBS.

**24.** Illi seba' xhur biss wara, ir-rikorrent reġa' ġie kostrett iressaq ilment ieħor, din id-darba dwar nuqqas sistematiku ta' kummenti sound on tape ta' rappreżentanti tal-Oppożizzjoni, b'referenza partikolari għall-bulettini tat-28 ta' Frar, l-1 ta' Marzu u t-2 ta' Marzu 2023.

**25.** Illi fid-deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Marzu 2023, li qed tiġi hawn annessa ma dan ir-rikors odjern, l-Awtorità intimata laqgħet l-ilment tar-rikorrent, u tenniet il-pożizzjoni li kienet diġà ħadet f'Awwissu 2022. L-Awtorità osservat li, minkejja li n-numru ta' intervisti mal-kelliema tal-Gvern kien naqas, il-PBS xorta waħda baqa' ma jieħux kummenti ta' kelliema tal-Oppożizzjoni meta u jekk ikun meħtieġ.

**26.** Illi f'din it-tieni deċiżjoni l-Awtorità intimata għarfet ukoll li fit-tliet bulettini mogħtija bħala eżempju ma kien hemm l-ebda kelliem jew rappreżentant tal-Oppożizzjoni.

**27.** Illi fit-2 ta' Frar 2024 ir-rikorrent reġa' ressaq ilment quddiem l-Awtorità intimata dwar l-iżbilanċ fis-sound on tape. Waqt is-smigħ, u a bażi tal-istatistika esebita mill-istess intimata PBS, riżulta li matul il-perjodu meħud in konsiderazzjoni kien hemm tliet mija u wieħed u ħamsin (351) sound on tape għall-kelliema tal-Gvern kontra sebgħa u għoxrin (27) għall-Oppożizzjoni.

**28.** Illi fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Marzu 2024, hawn annessa ma dan ir-rikors odjern, l-Awtorità intimata analizzat bulettini mxandra fuq medda ta' ħdax-il xahar, ċioè minn April 2023 sa Frar 2024, u sabet tqassim ta' ħin mhux xieraq fl-użu ta' intervisti u kummenti, minħabba li l-intervisti ma' Ministri u esponenti tal-Gvern qabżu bi kbir fin-numru dawk tal-Oppożizzjoni u ta' partiti politiċi differenti.

**29.** Illi l-Awtorità intimata laqgħet l-ilment, ċanfret lill-intimata PBS, u ddikjarat b'mod espress li fin-nuqqas repetittiv ta' din l-osservanza ma jkunx hemm triq oħra għajr miżuri ulterjuri.

**30.** Illi permezz tal-mistoqsija parlamentari fil-bidu tal-leġiżlatura preżenti, l-Onor. Michael Piccinino staqsa lill-Ministru responsabbli kemm kien hemm, SOT's, sound on tape, ta' politiċi tal-Gvern u kemm kien hemm ta' politiċi tal-Oppożizzjoni fil-bulettini tal-aħbarijiet tal-PBS mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-aħħar ta' Mejju 2026 liema mistoqsija parlamentari qed tiġi annessa ma dan ir-rikors odjern.

**31.** Illi fit-tweġiba tiegħu datata t-2 ta' Lulju 2026, imressqa fis-Seduta Numru 8 tas-7 ta' Lulju 2026, il-Ministru rrisponda li matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2025 u l-31 ta' Mejju 2026, il-bulettini tal-aħbarijiet tal-PBS xandru ħames mija u tnejn u tletin (532) sound on tape ta' membri tal-Gvern, u sitta u sittin (66) sound on tape minn membri tal-Oppożizzjoni ergo' tal-Partit Nazzjonalista, hawn esponenti.

**32.** Illi din iċ-ċifra ma hijiex allegazzjoni tar-rikorrent iżda ammissjoni formali tal-Istat innifsu, mogħtija fil-Parlament mill-Ministru responsabbli mix-xandir, u għalhekk ma hijiex miftuħa għal kontestazzjoni jew interpretazzjoni mill-intimati.

**33.** Illi t-tweġiba tal-Ministru għall-mistoqsija Parlamentari tal-Onor Piccinino, jgħid u jassigura bilanċ editorjali "b'rispett lejn ir-rappreżentanza parlamentari kif magħżula b'mod demokratiku mill-poplu". Kif intqal iktar 'il fuq, l-Artikolu 119 ma jagħmel l-ebda referenza għas-saħħa parlamentari iżda għal persuni ta' partiti politiċi differenti.

**34.** Illi t-tieni, il-Ministru jsostni li l-maġġoranza assoluta tal-532 sound on tape kienu marbuta mal-qadi tal-funzjonijiet ministerjali, fosthom tħabbir ta' policies, servizzi, skemi, proġetti u inizjattivi oħra, u mhux ma' attivitajiet ta' natura partiġġjana. Iżda l-esponenti umilment jisħaq li tħabbir ta' policies, skemi u proġetti huwa preċiżament policy pubblika kurrenti, u huwa dak preċiż li titkellem fuqu l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 13(2)(f) tal-Kap. 350.

**35.** Illi tant fl-umli fehma tal-esponenti huwa żbaljat l-Ministru li propja din l-Onorabbli Qorti diġà wissiet dwar dan fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet Partit Nazzjonalista vs Awtorità tax-Xandir et, deċiża mil-Onor Imħallef Grazio Mercieca, meta osservat s-segwenti li iġġib fix-xejn t-teorija tal-Ministru:

> *"Donnha saret konvenzjoni mhux miktuba li fil-politika Maltija, the winner takes all. Ir-rebbieħ juża' l-power of incumbency sal-limitu tagħha, inkluż il-mezzi tax-xandir."*

**36.** Illi minn dan kollu jirriżulta bl-aktar mod ċar li fuq medda ta' erba' snin l-Awtorità intimata nsabet sabet ta' żbilanċ fil-konfront tagħha, fi tliet okkażjonijiet separati u f'deċiżjonijiet formali, wissiet li kienet se tieħu azzjonijiet oħra, fil konfront tal-intimata PBS li wettqet l-iżbilanċ.

**37.** Illi minkejja dawn it-tliet deċiżjonijiet, u minkejja ċanfira formali, l-ebda miżura ta' infurzar ma ġiet imposta, kontra kif ingħad mil-istess Awtorità fl-aħħar deċiżjon tagħha hawn annessa. Il-"miżuri ulterjuri" imħabbra mill-Awtorità intimata stess fil-25 ta' Marzu 2024 qatt ma seħħew, u l-iżbilanċ baqa' għaddej sal-lum kif jixhdu ċ-ċifri uffiċjali mogħtija fil-Parlament.

**38.** Illi r-rikorrent jissottometti għalhekk li dan ma huwiex ilment dwar xi bulettin partikolari, iżda dwar in-nuqqas kontinwu, kkonfermat u sistematiku u l-esponenti Partit Nazzjonalista ma kellux triq oħra għajr li jressaq dan ir-rikors odjern stante li l-Awtorità naqqset milli tieħu l-azzjonijiet imposti fuqa liema azzjonijiet kellhom jittieħdu ex-officio.

**39.** Illi proprju sabiex ikun jista' jistabbilixxi jekk id-direzzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata dwar l-użu tas-sound on tape kinux qegħdin jiġu osservati mill-intimata Public Broadcasting Services Limited, u sabiex ikun jista' jieħu dawk il-passi li setgħu jkunu meħtieġa sabiex iħares id-drittijiet tiegħu, ir-rikorrent talab formalment lill-Awtorità intimata sabiex, għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2025 u l-31 ta' Mejju 2026, tagħtih informazzjoni dwar: (i) kemm-il sound on tape ta' politiċi tal-Partit Laburista u/jew rappreżentanti tal-Gvern ixxandar fil-bullettini tal-aħbarijiet tal-PBS; (ii) kemm-il sound on tape ta' politiċi tal-Partit Nazzjonalista u/jew rappreżentanti tal-Oppożizzjoni ixxandar fl-istess bullettini; (iii) min kienu l-politiċi jew ir-rappreżentanti rispettivi; u (iv) meta xxandru l-imsemmija sound on tapes.

**40.** Illi din l-informazzjoni ntalbet proprju fid-dawl tad-deċiżjonijiet preċedenti tal-istess Awtorità intimata, fuq imsemmija, li fihom hija kienet diġà sabet żbilanċ fl-użu tas-sound on tape u kienet tat direttivi lill-PBS sabiex tali żbilanċ jiġi indirizzat. Minkejja dan, l-Awtorità wieġbet lir-rikorrent billi qaltlu illi: "l-informazzjoni li tiġbor l-Awtorità hija għall-analiżi interna" u li l-Bord kien qiegħed jiddelibera sabiex "jindirizza r-rikjesta [tiegħu] lill-istazzjon".

**41.** Illi r-rappreżentanti legali tar-rikorrent ġibdu l-attenzjoni tal-Awtorità intimata għall-fatt li din il-pożizzjoni kienet diġà ġiet iċċensurata mill-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Partit Nazzjonalista vs Awtorità tax-Xandir et, fejn, fir-rigward ta' talba ta' natura simili, il-Qorti kienet iddikjarat illi "l-Awtorità tax-Xandir kienet ferm żbaljata fil-liġi meta wieġbet lil Partit Nazzjonalista li ma kinitx l-istituzzjoni kompetenti biex tikseb dan it-tagħrif."

**42.** Illi minkejja li l-Awtorità intimata ġiet espressament imfakkra f'dan il-pronunzjament ġudizzjarju, hija baqgħet tinsisti fil-pożizzjoni tagħha u wieġbet illi "Il-Bord iħoss li rikjesti addizzjonali fuq l-istess tema m'għandhomx jagħtu lok għal tibdil fil-konvinzjoni tiegħu". B'hekk, mhux biss l-Awtorità naqset milli tassigura b'mod effettiv l-infurzar tad-deċiżjonijiet tagħha stess, iżda, meta r-rikorrent talab l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jivverifika l-osservanza tagħhom u jieħu l-passi opportuni, hija żammet dik l-informazzjoni bħala waħda għall-użu intern tagħha u baqgħet tinsisti fuq pożizzjoni minkejja pronunzjament ġudizzjarju preċedenti dwar materja simili.

**43.** Illi dan l-aġir ikompli jikkonferma n-nuqqas ta' sorveljanza u infurzar effettiv lamentat f'dan ir-rikors: minn naħa l-Awtorità intimata tiġbor u żżomm għandha tagħrif rilevanti dwar ix-xandir sabiex tużah għall-analiżi tagħha, iżda min-naħa l-oħra tonqos milli tuża dak l-istess tagħrif sabiex tassigura l-osservanza tad-direttivi tagħha stess u, meta r-rikorrent jitlob aċċess għalih sabiex ikun jista' jħares id-drittijiet tiegħu, tirrifjutah u tirreferih lura għand l-istess xandar li l-aġir tiegħu jinsab inkwistjoni.

**44.** Illi l-obbligu tal-Awtorità intimata ma huwiex wieħed li jiskatta biss meta jitressaq ilment. Fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Frar 2023 fl-ismijiet *Partit Nazzjonalista vs Awtorità tax-Xandir et*, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> *"Il-Qorti tirrileva li kif diġà ġie kkonsidrat aktar 'il fuq, l-Awtorità tax-Xandir naqset milli twettaq l-obbligu pożittiv tagħha li tissalvagwardja d-dritt għal-libertà tal-espressjoni tal-Partit Nazzjonalista billi naqset milli tissorvelja x-xandir u l-aġir tal-PBS kif meħtieġ minnha bil-liġi stess u billi damet żmien irraġonevoli sabiex tat rimedju."*

**45.** Illi minn dan il-pronunzjament joħorġu tliet elementi: li l-obbligu tal-Awtorità huwa wieħed pożittiv u mhux sempliċi funzjoni ta' arbitraġġ; li dan jinkludi d-dmir li tissorvelja x-xandir u l-aġir tal-liċenzjat *kif meħtieġ minnha bil-liġi stess*, jiġifieri ex officio u li d-dewmien fl-għoti ta' rimedju huwa fih innifsu ksur.

**46.** Illi dwar in-nuqqas li tinforza d-deċiżjonijiet tagħha stess, l-Onorabbli Prim Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) per Mħallef Grazio Mercieca kienet diġà sostniet, fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022 (Rikors Nru. 73/2022 GM) li:

> *Il-Qorti tħoss li għalkemm l-Awtorità aġixxiet biex iżżomm l-imparzjalità, m'għamlitx dan bil-ħeffa u l-pro-attività meħtieġa fil-qasam tax-xandir... L-Awtorità kellha taġixxi fil-pront; iżda naqset li tagħmel dan. Saħansitra anke meta mponiet multa, irtiratha."*

**47.** Illi l-istess Qorti kkwalifikat l-eżitu ta' dan in-nuqqas bħala *"taparsi rimedju li m'huwa rimedju xejn"*, u fakkret li "huwa imperattiv li aħbar żbilanċjata tiġi mwieġba fil-pront għax inkella l-effett tat-tweġiba ma jinħassx bir-riżultat li l-iżbilanċ ma jiġix ikkoreġut."

**IT-TIENI PARTI TAL-ILMENT: L-IMPARZJALITÀ TAL-PREŻENTATURI TAX-XANDAR PUBBLIKU**

**48.** Illi l-iżbilanċ deskritt fl-ewwel parti ta' dan ir-rikors ma huwiex limitat għall-għażla ta' intervisti fil-bulettini tal-aħbarijiet, iżda jestendi wkoll għall-imġiba pubblika ta' preżentaturi assoċjati max-xandar pubbliku.

**49.** Illi fost il-preżentaturi assoċjati max-xandir pubbliku hemm is-Sur Ricky Caruana, li jipproduċi u jippreżenta l-programm, prime time il-ġimgħa filgħaxija, taħt l-isem "Ricky Debates" u li huwa magħruf mal-pubbliku bħala figura assoċjata mal-produzzjoni fuq imsemmija f'wieħed mil-akat *slots* segwiti tal-intimata Public Broadcasting Services Limited.

**50.** Illi r-rikorrent jgħid mill-ewwel, u b'mod ċar, li s-Sur Ricky Caruana ma huwiex parti f'dawn il-proċeduri u li r-rikorrent ma huwiex qed jitlob ebda dikjarazzjoni jew sejba fil-konfront tiegħu personalment. Il-fatti dwar l-imġiba pubblika tiegħu qegħdin jinġiebu quddiem din l-Onorabbli Qorti bħala prova tan-nuqqas strutturali u kontinwu li minnu qed jilmenta l-esponenti Partit Nazzjonalista.

**51.** Illi wieħed jista minnufih u bl-aktar mod sfaccat jifhem għal dak li qed jirreferi l-esponenti billi jżur l-mezzi soċjali tal-istess Ricky Caruana u minnfih jintevah li l-obbligi bħala preżentatur assoċjat mal-intimata Public Broadcasting Services mhux qed jiġi mħarrsa u dan jirriżulta wkoll minn pubblikazzjonijiet dokumentati fuq il-paġna soċjali tal-istess preżentatur bis-segwenti jkunu biss ftit mil-eżempji, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2025, huwa xandar filmat li jirreklama proġett tal-aġenzija governattiva Project Green f'Bengħajsa, bil-kliem li dan kien jikkonsisti fi tletin elf (30,000) metru kwadru ta' spazju miftuħ; fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2025, filmat ieħor li jirreklama proġett tal-istess aġenzija f'Santa Luċija; u fit-tieni (2) ta' Jannar 2026, filmat ieħor li jirreklama proġett tal-istess aġenzija f'Minden Grove, Ta' Qali.

**52.** Illi dawn il-pubblikazzjonijiet ma jġorru ebda marka jew logo ta' partit politiku, iżda jikkonsistu fi promozzjoni ta' proġetti ta' aġenzija governattiva. L-esponenti jissottometti li tali promozzjoni tikkostitwixxi espressjoni ta' veduta favur policy pubblika kurrenti fis-sens tas-Sezzjoni 19.1 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14.

**53.** Illi jirriżulta wkoll li l-istess preżentatur xandar kontenut li jippromwovi, esponenti tal-Gvern, fosthom filmati li fih jidher ma' Ministru tal-Gvern, b'whud minnhom saħansitra jmur jżurhom waqt li qed jagħmlu l-house visits.

**54.** Illi f'Jannar 2026 l-istess preżentatur stqarr pubblikament li kien qed jiġi mħeġġeġ minn nies sabiex jikkontesta l-elezzjoni ġenerali f'isem il-Partit Laburista, u rringrazzja lil dawk li kienu qed jemmnu li huwa seta' jirrappreżenta l-ħtieġijiet tagħhom.

**55.** Illi dan apparti "posts" ħafna aktar diretti fejn jirriżulta bl-aktar mod ċar li huwa attakk fuq l-esponenti Partit Nazzjonalista fosthom titlu tal-programm fuq il-mezzi soċjali tiegħu f'Marzu *"Il-pensjonijiet u l-qerq tan-nazzjonalisti"* kif wkoll ferm aktar riċenti f'Lulju 2026 jikteb 'l-Oppożizzjoni ma tgħallmitx xejn' u jkompli 'tapparsi nbdiltu u li sirtu partit nice'

**56.** Illi l-esponenti jissottometti li dawn l-istqarrijiet huma biss whud fost l-iktar gravi, għaliex hija stqarrija tal-preżentatur innifsu, ma teħtieġ ebda interpretazzjoni, u taqa' direttament taħt il-projbizzjoni espressa tas-Sezzjoni 19.1 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14 li preżentatur jesprimi appoġġ lil xi partit politiku.

**57.** Illi f'Diċembru 2024 l-istess preżentatur xandar intervista twila mal-eks-Prim Ministru Dr Joseph Muscat, li fiha huwa ripetutament ħeġġeġ lill-istess Dr Muscat sabiex jikkunsidra ritorn għall-politika attiva, u fformula l-mistoqsijiet tiegħu mill-perspettiva ta' kif il-Partit Laburista seta' jibqa' fil-Gvern.

**58.** Illi l-ilment tar-rikorrent taħt dan il-kap ma jistrieħx fuq xi att wieħed meħud waħdu. Dak li huwa lmentat huwa l-frekwenza, id-direzzjoni, it-ton u l-persistenza tal-imġiba, li flimkien iwasslu lit-telespettatur raġonevoli sabiex jiddubita l-imparzjalità ta' preżentatur assoċjat max-xandir tas-servizz pubbliku.

**59.** Illi r-rikorrent jissottometti wkoll li n-nuqqas tal-intimata PBS li tieħu kwalunkwe azzjoni ta' sorveljanza jew ta' korrezzjoni fil-konfront ta' din l-imġiba, minkejja li din seħħet fil-pubbliku u fuq medda ta' iktar minn sena u nofs, huwa fih innifsu nuqqas mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u taħt is-Sezzjoni 21 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14.

**60.** Illi tali imġiba taqa' direttament taħt is-Sezzjoni 19.1 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14, liema sezzjoni tesiġi li preżentaturi ta' programmi ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti fuq ix-xandir pubbliku jidhru li huma imparzjali, u tipprojbixxi espressament l-espressjoni ta' appoġġ lil xi partit politiku, kemm *on air* kif ukoll meta ma jkunux *on air*.

**61.** Illi l-Artiklu 19.1(i) jipprojbixxi lill-preżentatur milli jistqarr kif jivvota jew milli jesprimi appoġġ lil xi partit politiku. F'Jannar 2026 il-preżentatur li jmexxi l-programm Ricky Debates, Ricky Caruana stqarr pubblikament fuq il-mezzi soċjali tiegħu, li kien qed jiġi mħeġġeġ sabiex jikkontesta l-elezzjoni ġenerali f'isem il-Partit Laburista u rringrazzja lil dawk li emmnu li seta' jirrappreżenthom, stqarrija tal-preżentatur innifsu li ċertament ma teħtieġ ebda interpretazzjoni. Stqarrija aktar ċara min din saret mil-istess preżentatur ta' Ricky Debates waqt filmat imtgħella fuq il-mezzi soċjali tiegħu, fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2025, fejn qal li "*kważi kważi se jkollu jivvotta Labour*" b'indikazzjoni ċara jekk qatt kien hemm bżonn waħda li se jivvotta għall-Partit Laburista.

**62.** Illi l-Artiklu 19.1(ii) jipprojbixxi l-espressjoni ta' veduti favur jew kontra policy li tkun materja ta' dibattitu politiku ta' partit kurrenti. L-istess preżentatur Ricky Caruana ippubblika fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2025 filmat li jirreklama proġett tal-aġenzija governattiva Project Green f'Bengħajsa, fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2025 filmat simili dwar proġett tal-istess aġenzija f'Santa Luċija u fit-tnejn (2) ta' Jannar 2026 filmat simili dwar proġett tal-istess aġenzija f'Minden Grove, Ta' Qali, kif ukoll ippreżenta programm ma' Ministru responsabbli mill-Finanzi dwar il-pensjonijiet u ppubblika materjal wara l-elezzjoni dwar il-qtugħ tad-dawl, aktar riċenti rigward il-kontroversja f' Kemmuna, kollha suġġetti ta' dibattitu politiku.

**63.** Illi l-Artiklu 19.1(iii) tipprojbixxi s-sostenn ta' pożizzjoni partikolari fuq kwistjoni ta' kontroversja jew dibattitu pubbliku kurrenti, projbizzjoni li ma teħtieġx li jintwera appoġġ lil partit u li hija għalhekk usa' minn dik taħt is-sub-artikolu (i) u fid-disa' (9) ta' Awwissu 2026 il-preżentatur Ricky Caruana ippubblika kitba twila li fiha, b'lingwaġġ polemiku u dispreġġativ, fejn fost l-oħrajn jintuża lingwaġġ bħal *'pero min qed jirkeb fuq din l-istorja INKLUŻ IL-PN li illum ħareġ xi artiklu ……. Se tergaw toħorġu ta* 🦆🦆🦆*"* kif wkoll kitba oħra riċenti fejn beda kitba tiegħu fuq il-mezzi soċjali bil-kliem "*Dawk il-puritani Nazzjonalisti"*. L-esponenti ftit xejn għandu xi jżid ma dan għax wieħed qajla għandu bżonn jaħseb jekk dak indikat fil-liġi sussidjarja hux qed jiġi osservat jew le għax il-konklużjoni ovvja hi u mhux talli mhux qed jiġi osservati imma qed jinkisru bi kbir.

**64.** Illi l-Artiklu 19.1(iv) tipprojbixxi li wieħed jħeġġeġ għal bidla f'policy pubblika ta' profil għoli, fil-kitba tiegħu fuq l-mezzi soċjali, Ricky Caruana, ma llimitax ruħu li jikkritika lil-esponenti rigward l-mozzjoni li ressaq ta' sfiduċja fil-Ministru Miriam Dalli, iżda jagħmel min kollox biex jħeġġeġ bidla fl-opinjoni li l-istess ministru m'għandiex tirreżenja. Bi ksur ċar wkoll ta' dan is-subartiklu.

**65.** Illi minn mistoqsija parlamentari numru 796, ta' din il-leġiżlatura, l-Onor. Michael Piccinino staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali jekk matul l-aħħar sena, l-istess sena fejn il-preżentatur Ricky Caruana kiteb jew qal l-affarjiet su-spjegati, kienx hemm xi każ fejn il-PBS inforza jew ipprova jinforza l-Artikolu 19.1 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14, u x'passi ttieħdu f'kull każ. Illi fit-tweġiba tiegħu datata t-2 ta' Lulju 2026, imressqa fis-Seduta tas-7 ta' Lulju 2026, il-Ministru rrisponda li, kif infurmat mill-PBS stess, ma kien hemm ebda każ bħal dak imsemmi fil-mistoqsija. Jidher ghalhekk li l-PBS jew ma tridx jew ma tistax tenfoza l-liġi fuq imsemmija.

**66.** Illi minbarra l-Artiklu 19, l-imġiba tas-Sur Ricky Caruana tikser ukoll, fl-umli fehma tal-esponenti bl-aktar mod ċar u flagranti, l-Artiklu 18 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja350.14, liema sezzjoni ġġib it-titlu "*Impartiality of the Public Service Broadcaster*" u tipprovdi fis-sub-artikolu 18.1 li:

> *"Producers of news and current affairs programmes should have no outside interests or commitments which could damage the public service broadcaster's reputation for impartiality, fairness and integrity."*

**67.** Illi din id-dispożizzjoni ma tolqotx lill-preżentatur fil-kwalità tiegħu ta' preżentatur biss, iżda tolqot espressament lil min jipproduċi programmi ta' aħbarijiet u ta' ġrajjiet kurrenti. Stante li s-Sur Ricky Caruana huwa kemm il-producer kif ukoll il-preżentatur tal-programm tiegħu, huwa jaqa' kompletament taħt iż-żewġ artikoli.

**68.** Illi dan qed jingħad għaliex l-istess Ricky Caruana jiftaħar pubblikament li jitħallas minn Ministeri u minn entitajiet governattivi sabiex jirreklama x-xogħol, il-proġetti u l-inizjattivi tagħhom. Illi tali ħlasijiet jikkostitwixxu, bl-aktar mod ċar u dirett, "*outside interests or commitments*" fis-sens tal-Artiklu 18.1, stante li huma interessi finanzjarji f'entitajiet li huma stess is-suġġett tar-rappurtaġġ u tad-diskussjoni fil-programm tiegħu. Illi l-konflitt huwa aggravat mill-fatt li l-istess Ministri li jħallsu għal dik il-promozzjoni sussegwentement jidhru u jiddibattu fl-istess programm fuq l-istazzjon nazzjonali b'tali mod li min ikun qed jintervista jkun, fl-istess waqt, imħallas minn min ikun qed jiġi intervistat. Illi ebda telespettatur raġonevoli ma jista' jistrieħ fuq l-imparzjalità ta' intervista mmexxija f'dawk iċ-ċirkostanzi, u r-reputazzjoni tax-xandar pubbliku għall-imparzjalità, il-korrettezza u l-integrità hija b'hekk imittiefsa bl-aktar mod ċar.

**69.** Illi barra minn hekk, u b'mod li wieħed jintebaħ minnufih meta jidħol fil-mezzi soċjali tiegħu, is-Sur Ricky Caruana kkampanja b'mod attiv favur il-Partit Laburista matul il-kampanja elettorali li ppreċediet l-elezzjoni ġenerali tat-tletin (30) ta' Mejju 2026, u dan billi attenda u xandar attivitajiet elettorali tal-istess partit fosthom l-attività f'Ħaż-Żebbuġ fis-sittax (16) ta' Mejju 2026 li fiha deher il-Ministru Silvio Schembri, il-mass meeting tal-Partit Laburista fl-Imqabba fis-sbatax (17) ta' Mejju 2026, u l-attività f'Għawdex fid-dsatax (19) ta' Mejju 2026 li fiha dehru l-Ministru Clint Camilleri u l-eks-Prim Ministru Dr Joseph Muscat, kif ukoll billi ppromwova ripetutament lill-Prim Ministru Dr Robert Abela fid-disa' (9), fil-ħdax (11), fl-erbgħa u għoxrin (24) u saħansitra fit-tletin (30) ta' Mejju 2026, jiġifieri fil-jum tal-vot innifsu. Illi impenn elettorali attiv favur partit wieħed huwa l-eżempju ċar ta' "*commitment*" barrani li jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tax-xandar pubbliku fis-sens tal-Artiklu 18.1, u dan indipendentement minn kull kunsiderazzjoni ċara oħra taħt l-Artiklu 19.

**70.** Illi ferm aktar riċenti, u minkejja l-aġir fuq deskritt u l-fatt li, kif jirriżulta mit-tweġiba parlamentari appena ċitata, il-PBS ma ħa ebda passi sabiex jinforza s-Sezzjoni 19.1 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14, l-intimata Public Broadcasting Services Limited ħabbret l-iskeda l-ġdida tagħha u ddeċidiet li terġa' tagħti lis-Sur Ricky Caruana programm ieħor fuq TVM, bl-isem "Wara l-Ħdax ma' RICKY", li għandu jibda jixxandar minn Ottubru 2026.

**71.** Illi għalhekk, quddiem l-aġir pubbliku dokumentat f'dan ir-rikors, li fil-fehma tar-rikorrent jikser b'mod ċar u ripetut ir-rekwiżiti ta' imparzjalità imposti fuq preżentaturi ta' programmi ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti, ir-reazzjoni tal-intimata PBS ma kinitx li tinforza r-regoli applikabbli, tieħu passi korrettivi jew tiddistakka ruħha mill-aġir lamentat, iżda għall-kuntrarju ddeċidiet li żżomm lill-istess preżentatur fl-iskeda tax-xandar pubbliku u tagħtih programm ġdid.

**72.** Illi dan huwa aktar sinifikattiv fid-dawl tal-fatt li l-istess Sur Caruana stqarr pubblikament fuq il-mezzi soċjali tiegħu li huwa nnifsu ma xtaqx ikompli jagħmel il-programm, iżda li kien il-PBS li insista sabiex huwa jibqa' jippreżenta fuq l-istazzjon pubbliku. Għaldaqstant, skont l-istqarrija tal-preżentatur innifsu, ma kienx każ fejn il-PBS sempliċement aċċetta proposta jew talba tiegħu sabiex ikompli jxandar, iżda kienet l-intimata PBS stess li ħadet passi sabiex iżżommu fuq l-iskeda tagħha.

**73.** Illi dan l-iżvilupp, li seħħ wara l-aġir kollu deskritt aktar 'il fuq, jikkonferma li n-nuqqas tal-PBS milli tapplika u tinforza r-regoli ta' imparzjalità ma huwiex wieħed passiv jew limitat għal nuqqas ta' azzjoni dwar fatti tal-passat. Għall-kuntrarju, minkejja li l-aġir tal-preżentatur huwa pubbliku, dokumentat u baqa' għaddej fuq medda twila ta' żmien, l-intimata PBS għażlet attivament li tkompli tagħtih spazju fuq ix-xandar pubbliku, u dan minkejja l-obbligi partikolari ta' imparzjalità li jorbtu proprju lil dak ix-xandar u lill-preżentaturi ta' programmi ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti.

**74.** Illi għaldaqstant l-esponenti jissottometti li l-Artikli 18 u 19 huma miksura it-tnejn, l-Artiklu18 mill-interessi u l-impenji tal-preżentatur fil-kwalità tiegħu ta' produttur, u l-Artiklu 19 mill-imġiba pubblika tiegħu fil-kwalità tiegħu ta' preżentatur. Illi, minkejja li dawn iż-żewġ artikoli huma miktuba appożitament sabiex jipproteġu l-imparzjalità tax-xandar pubbliku, u minkejja li l-imġiba lmentata seħħet kollha fil-pubbliku u kienet suġġett ta' rappurtaġġ pubbliku, l-intimata Public Broadcasting Services Limited qatt ma ħadet ebda passi, kif hija stess ammettiet permezz tat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 796.

**75.** Illi jekk wieħed jagħti ħarsa ħafifa lejn l-Kodiċi ta' Etika tal-PBS (*Ethics Guidelines for Staff Members*) l-kodiċi jistqarr espressament li japplika għall-*"current affairs hosts"* u għal kull persuna li direttament jew indirettament tkun involuta fit-tħejjija, fil-produzzjoni jew fil-pubblikazzjoni tal-aħbarijiet jew tal-*current affairs*, u dan anke *"during absence from work or on some sort of leave"*. Il-klawsola 4.3 tneħħi kull argument li l-attività fuq il-midja soċjali taqa' barra mill-portata tal-kodiċi, peress li tipprovdi li *"social media, personal digital pages, personal posts or through comments on threads should not be considered as an escape root or a loophole for the expression of opinions… both on-duty, off-duty and in any form or medium"*. Iktar minn hekk, il-kodiċi jinkorpora fih innifsu l-artikoli 18 u 19 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14, u b'hekk jorbot lill-istaff tal-aħbarijiet u tal-*current affairs* mal-projbizzjonijiet espressi li ma jiddikjarawx kif jivvotaw jew jesprimu appoġġ għal xi partit politiku, li ma jesprimux fehmiet favur jew kontra politika li tkun materja ta' dibattitu politiku kurrenti, li ma jieħdux pożizzjoni fuq kwistjoni ta' kontroversja pubblika, u li ma jitolbux bidla f'politika pubblika ta' profil għoli. Il-kodiċi jikklassifika kull ksur tiegħu bħala *"a serious offence that may lead to disciplinary action, potentially including dismissal or termination"*. Pero jidher li l-kodiċi huwa biss tajjeb bħala ktieb tal-qari għax għal persuni bħas-Sur Ricky Caruana mhux applikabbli.

**76.** Il-kondotta ta' Ricky Caruana ma tammontax għal xi każ wieħed jew marginali jew każijiet li jagħtu lok għall-interpretazzjoni, iżda għal ksur sfaċċat, ripetut u pubbliku ta' dan il-kodiċi, li fil-parti l-kbira tiegħu seħħ matul il-kampanja elettorali li wasslet għall-elezzjoni ġenerali tat-30 ta' Mejju 2026. Permezz tal-podcast u tal-paġni soċjali tiegħu huwa ppromwova proġetti u politiki

tal-Gvern, ta’ kopertura promozzjonali lil attivitajiet tal-Partit Laburista u lill-esponenti tiegħu, u ħa pożizzjoni pubblika fuq kwistjonijiet li kienu, u għadhom, fiċ-ċentru tad-dibattitu politiku kurrenti.

**77.** Illi l-każ tas-Sur Ricky Caruana qed jinġieb quddiem din l-Onorabbli Qorti bħala eżempju wieħed fost oħrajn, u m'għandu bl-ebda mod jiġi interpretat li l-ilment tal-esponent huwa limitat għal preżentatur wieħed, stante li dak li qed jiġi lmentat huwa n-nuqqas sistematiku tal-intimati li japplikaw u jinforzaw l-obbligi ta' imparzjalità fil-konfront tal-preżentaturi jew persuni b'karigi ta' influwenza max-xandar pubbliku.

**78.** Illi l-Artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea jipproteġu mhux biss il-libertà li wieħed jikkomunika ideat u tagħrif, iżda wkoll il-libertà li jirċievihom. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem enfasizzat b'mod konsistenti li l-Artikolu 10 jiggarantixxi mhux biss id-dritt li tagħti l-informazzjoni iżda wkoll id-dritt tal-pubbliku li jirċevieha.

**79.** Illi d-diskriminazzjoni pprojbita mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni tinkludi l-għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal opinjonijiet politiċi.

**80.** Illi ċ-ċifri uffiċjali mogħtija fil-Parlament ma jħallu ebda dubju li l-aċċess għax-xandir pubbliku ngħata b'mod differenti lill-partit fil-Gvern (ħafna aktar) u lill-partit fl-Oppożizzjoni (ħafna inqas), u li din id-differenza hija attribwibbli għall-opinjoni politika tal-esponenti.

**81.** Illi tali diskriminazzjoni hija iktar gravi meta wieħed iqis li l-mezz li permezz tiegħu seħħet huwa proprietà tal-Istat, iffinanzjat mill-pubbliku, u soġġett għal obbligu kostituzzjonali espress ta' imparzjalità.

**82.** Għalhekk l-esponenti ma kellhom triq oħra għajr jitavolaw din il-kawża odjerna.

**TALBIET**

Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

**i.** Tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas ta’ aġir tagħha, l-Awtorità tax-Xandir naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 13 tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li naqset milli tassigura li tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti, u li l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir ikunu mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti, u dan minkejja tliet deċiżjonijiet mogħtija minnha stess fit-23 ta' Awwissu 2022, fid-29 ta' Marzu 2023 u fil-25 ta' Marzu 2024;

**ii.** Tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas tagħha, l-intimata Public Broadcasting Services Limited naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, applikabbli għaliha permezz tal-Artikolu 10(4Ċ) tal-Kap. 350, u skont l-Artikolu 13 tal-istess Kap. 350, stante li naqset milli tassigura li l-aħbarijiet jiġu preżentati b’bilanċ u bl-imparzjalità dovuta, u ħolqot u kompliet iżżomm żbilanċ sistematiku kontra r-rikorrent fit-tqassim tal-ħin u tal-faċilitajiet tax-xandir;

**iii.** Tiddikjara li l-aġir u n-nuqqasijiet tal-intimati, kif deskritti f'dan ir-rikors, wasslu għall-ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal-libertà tal-espressjoni, inkluż il-libertà li jikkomunika u li jirċievi tagħrif u ideat mingħajr indħil, kif protett mill-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

**iv.** Tiddikjara li bl-istess aġir u nuqqasijiet ir-rikorrent sofra diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu, bil-konsegwenza li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 14, moqri flimkien mal-Artikolu 10, tal-Konvenzjoni Ewropea;

**v.** Tiddikjara li, minkejja li r-rikorrent adixxa l-proċedura tal-ilmenti stabbilita bil-liġi fi tliet okkażjonijiet u kiseb deċiżjoni favur tiegħu fit-tliet okkażjonijiet, huwa baqa' mingħajr rimedju effettiv, stante li l-ksur fil-konfront tal-esponenti baqa kontinwat u mhux indirizzat mil-intimati, bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu kif protett mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

**vi.** Tiddikjara li n-nuqqas tal-intimata Public Broadcasting Services Limited li tapplika u li tinforza s-Sezzjonijiet 18 u 19 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14 fil-konfront tal-preżentaturi assoċjati magħha iwassal fih innifsu għal ksur tal-obbligi tagħha kemm taħt l-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja kif wkoll taħt l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-Artikolu 13 tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

**vii.** Konsegwentement, tordna lill-intimati jagħmlu, dawk ir-rimedji li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u effettivi sabiex l-iżbilanċ lmentat jiġi kkoreġut u ma jibqax jippersisti;

**viii.** Tillikwida l-ammont ta' kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrent b'riżultat tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu hawn imsemmija;

**ix.** Tikkundanna lill-intimati, jew lil min minnhom, iħallsu l-kumpens hekk likwidat, bl-imgħax skont il-liġi;

**x.** Tagħti kull ordni u provvediment ieħor li jidhrilha li huwa xieraq sabiex tiżgura d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u, safejn huwa possibbli, tqiegħdu fl-istat li kien fih qabel il-ksur.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Avv. David Bonello**
46A, Vjal De Paule, Balzan
david@bonelloadvocates.com

**Avv. Michael Piccinino**
46A, Vjal De Paule, Balzan

**Avv. Thomas de Martino**
46A, Vjal De Paule, Balzan

**Lista ta' Dokumenti**

Dok. A — Deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir tat-23 ta' Awwissu 2022;

Dok. B — Deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir tad-29 ta' Marzu 2023;

Dok. Ċ — Deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir tal-25 ta' Marzu 2024;

Dok. D — Tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari Nru. 795, Seduta Nru. 8 tas-7 ta' Lulju 2026;

Dok. E — Sentenza fl-ismijiet Partit Nazzjonalista vs Awtorità tax-Xandir et, 14 ta' Lulju 2022 (Rikors 73/2022);

Dok. F — Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Partit Nazzjonalista vs Awtorità tax-Xandir et, 27 ta' Frar 2023;

Dok. G — Sentenza fl-ismijiet Partit Nazzjonalista vs Awtorità tax-Xandir et, 8 ta' Mejju 2024 (Rikors 428/2023);

Dok. H — Tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari Nru.796, Seduta Nru. 8 tas-7 ta' Lulju 2026;

Dok. I — Kodiċi ta' Etika tal-Public Broadcasting Limited

**Avv. David Bonello**
46A, Vjal De Paule, Balzan
david@bonelloadvocates.com

**Avv. Michael Piccinino**
46A, Vjal De Paule, Balzan

**Avv. Thomas de Martino**
46A, Vjal De Paule, Balzan

**Lista ta' Xhieda**

1. L-Editur tal-Kamra tal-Aħbarijiet tal-intimata Public Broadcasting Services Limited.

2. Kap tal-Aħbarjiet, membri tal-Bord Editorjali persuni oħra li jistu jagħtu informazzjoni dwar il-każ in-eżami, inkluż rappreżentanti u ħaddiema passatti u preżenti.

3. Il-Kap Eżekuttiv tal-intimata Awtorità tax-Xandir u ċ-Chairman tal-intimata Awtorità tax-Xandir kif wkoll rappreżentanti, ħaddiema passatti u preżenti tal-Awtorità.

4. Preżentaturi tal- Public Broadcasting Services Limited inkluż iżda mhux limitat għas-sur Ricky Caruana

5. Il-Ministri tal-Gvern ta' din il-leġiżlatura kif wkoll dik li għaddiet, partikolarment iżda mhux limitat għall-Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku.

6. Is-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, u uffiċjali oħra tal-Partit Nazzjonalista.

7. Rappreżentanti tal-Parlament ta' Malta għall-preżentazzjoni ta' dokumenti ufficcjali.

8. Rappreżentanti ta' Dipartimenti, aġenziji u kumpaniji oħra tal-Gvern mhux imsemmijin hawn fuq.

**Avv. David Bonello**
46A, Vjal De Paule, Balzan
david@bonelloadvocates.com

**Avv. Michael Piccinino**
46A, Vjal De Paule, Balzan

**Avv. Thomas de Martino**
46A, Vjal De Paule, Balzan